MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Talba Numru. 354/2012

**Vodafone Malta Limited**
**C 10865**

**Vs**

**Lara-Ann Agius**
**ID 0105776M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2012 fejn hlas tal-ammont ta' elf mitejn u tlieta u tmenin ewro u ghaxar centezmu tal-ewro (€1,283.10) dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici ghal servizzi rezi u prodotti mis-socjeta' attrici lill-konvenutas fuq talba u a beneficcju tal-istess konvenuta skont ftehimbil-miktub iffirmat bejn il-kontendenti, vide statement of account hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'VF1'.

Illi l-konvenuta minkejja li giet debitament interpellata ghal hlas baqghet inadempjenti.
Bl-imghax mid-data ta'kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta bin-numru 617/12 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 814/12 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 815/122, ipprezentati fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet fuq premessi, kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-20 ta' Marzu, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2013 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u tlieta u tmenin ewro u ghaxar centezmu tal-ewro (€1,283.10) bl-imghax mid-data ta' l-ahhar fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta bin-numru 617/12 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 814/12 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 815/122, jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------